KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 33 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 20 ta' Frar 2014 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.45 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.35pm | 10.30pm |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.30pm | 10.30pm |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.50pm | 10.30pm |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.30pm | 10.30pm |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | Skużata | Ma tiflaħx |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.35pm | 10.30pm |
| Kunsillier Kirby Fenech | Skużata | Ma tiflax |
| Kunsillier James Cassar | 7.45pm | 10.30pm |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.30pm | 10.30pm |
| Kunsillier David Meilak | 7.45pm | 10.30pm |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.45pm | 8.35pm |

**1.00** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**Messagg mid-DLG dwar Live Streaming tal-Laqgha tal-Kunsill**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku Dr. Shirley Farrugia infurmat li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien bagħat jinforma li l- Onorevoli Segretarju Parlamentari Jose' Herrera kien ser jinawgura l-proġett tas-sistema ta' Live Streaming tal-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali nhar il-Erbgħa, 12 ta' Marzu, 2014. Il-Kunsill Lokali Mosta, flimkien ma dawk tal-Marsa u tal-Munxar, kien ser ikun wieħed minn ta' l-ewwel li ser jiġi nawgurat u għalhekk l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss kienet ser issir nhar il-Erbgħa 12 ta' Marzu, 2014 fis-7.30p.m.

**2.00(a) Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 32- 31 ta' Jannar 2014**

Il-minuti tal-laqgħa Nru. 32 li saret fil-31 ta' Jannar 2014 kienu ntbagħtu qabel u għalhekk ġew mittieħda bħala moqrija. Dawn ġew unanimament approvata wara li saret korrezzjoni f'item numru 6.00 – Preżentazjoni dwar il-Progett tal-Batterija tat-Tarġa. Il-Kunsillier talab u ġie approvat li tidħol sentenza fl-aħħar ta' dan l-item li taqra hekk: **"Il-Kunsillier Keith Cassar talab ukoll kjarifika mill-Lands dwar l-'squatter' u tintalab li l-Kunsill jingħata parti oħra fejn hemm kamra mwaqqa."**



Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

2.00 **Punti Imqajjma mill-Minuti**

Il-Kunsillier Alexander Muscat staqsa lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv x'kienet il-proċedura ta' meta jsiru stqarrijiet mill-Kunsilliera waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kunsill. Huwa staqsa jekk il-Kunsill għandux jiddiskuti dawn l-istqarrijiet waqt il-Laqgħat tal-Kunsill. Is-segretarju spjega li fil-Kunsill jiġu mressqa l-ilmenti u suġġerimenti li jkunu saru mill-pubbliku waqt il-Laqgħa Ġeneral Annwali. Huwa qal li ma kien hemm xejn xi jżomm lill-Kunsilliera milli jqajjmu xi punti mill-istqarrija li jkunu għamlu fil-Laqgħa Ġeneral Annwali waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Dan jista jsir fl-*item* 'Ħwejjeg Oħra' li jkun hemm fil-laqgħat kollha tal-Kunsill jew fl-ewwel okkażjoni meta l-Kunsill jkun qed jiddiskuti l-ilmenti u suġġerimenti li saru waqt il-Laqgħa tal-Kunsill. F'dan il-każ dawn ġew diskussi fil-Laqgħa Nru. 32 li saret nhar il-Ġimgħa 31 ta' Jannar, 2014 (*item* 5.00).

3.00 **Materji Finanzjarji**

**a) Lista ta' Pagamenti**

Ġiet approvata unanimament lista ta' pagamenti Nru: 22 għal-ammont ta' €140,630.79 kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

**(b) Lista tal-Works Orders**

Il-lista ta' *works orders* ġiet approvata unanimament kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

**c) Lista tal- Purchase Orders**

Il-lista ta' *purchase orders* ġiet approvata unanimament kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

**d) Lista ta Depożiti**

Ġew ppreżentati żewġ listi ta depożiti fil-kont Savings tal-Kunsill mal-Bank of Valletta : (1) għall-perjodiu 3 ta Diċembru sal-31 ta' Diċembru 2013 u (2) mit-3 ta' Jannar sal 31 ta Jannar 2014.

4.00 **Approval of Financial Statements – closed of Business 31st December 2013**

F'dan l-istadju ġie mistieden l-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea sabiex jippreżenta u l-financial statements tal-Kunsill kif għalqu fil-fl-aħħar tas-sena fiskali 31 ta' Diċembru 2013 . Il-pożizzjoni netta tal-Kunsill fil-31 ta Diċembru 2013 kienet turi bilanċ pożittiv ta €213,800 .Is-Sur Galea spjega fid-dettal l-items kollha li jidhru f'dan id-dokument u rrisponda għall-mistoqsijiet li sarulu mill-Kunsilliera. Il-Kunsill approva unanimament dawn il-financial statements hu s-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġew awtorizzati jiffirmawhom u jintbagħtu kopji lill-NAO u l-awdituri tal-Kunsill.

5.00 **Korrispondenza**

Ġiet ippreżentata lista ta' 14 l-*item* ta' korrispondenza. Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar din il-korrispondenza jidhru fil-lista annessa ma dawn il-minuti.

Waqt li l-Kunsill kien qed jiddiskuti item Nru. 8 – Talba għal-leave fit-tul mill-impjegata tal-Kunsill Ms. Rita Galea, ġie approvat li minħabba nuqqas ta' staff u d-diffikultajiet li jinqalgħu meta membri tal-istaff jkunu morda jew bil-leave, ġie approvat unanimament li l-Kunsill joħroġ sejħa għal-ingaġġ ta' skrivan/a ieħor/oħra wara li tintalab l-approvazjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-permessi tal-ETC skont il-proċedura dwar ingaġġ ta' impjegati ġodda. Din il-persuna għandha sservi biex jiġi kreata iktar flessibilita f'każ ta mard jew leave.

Dwar Item 6 - Talba għal Tinda mill Baroque Snack Bar - Mosta bl' eccezzjoni tal-Viċi Sindku Joseph De Martino il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 6.00 Aġġudikazzjoni

**KLM Q01/2014/M313 – Quotation for Supply & Installation of Security Cameras in Wied Gananu , Mosta under Measure 313**

Is-Sindku ippreżentat rapport ta'evalwazjoni li sar mill-Kunsillier Keith Cassar dwar l-proposti li kien irċieva l-Kunsill wara li kienet ħarġet sejħa għal-kwotazjonijiet għal - *Security Cameras* f'Wied Gananu bħala parti mill-proġett tal-Mizura 313 tal-MRRA.

Wara diskussjoni dwar id-dettalji tal-cameras proposti, ġie deċiż unanimament li dan il-kuntratt jingħata lil-Eagle Securities li kienu l-irħas kwotazjoni. Dan għandu jsir wara li jsiru kjarifiku u l-emendi meħtieġa fis-sistema tal-memorja tal-cameras sabiex r-recordings jkunu aktar ċari u possibli li wieħed jidentifika persuni jekk u meta jsir xi reat. Il-Kunsillier Keith Cassar ġie nkarigat jiddiskuti mal-kuntrattur u japprova xi alterazjonijiet u improvements li kellhom isiru f'dan ir-rigward.

## 7.00 Affarijiet Oħra

Ma kienx hemm affarijiet oħra x'jiġu diskussi u l-laqgħa spiċċat fil 10.30p.m.

## 8.00 Aġġornament

Laqgħa oħra tal-Kunsill għandha ssir il-Erbgħa 12 ta' Marzu, 2014.

Dott. Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv